MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1373/2002

**Schembri Barbros Limited.**

**-vs-**

**Anthony u Maria Dolores konjugi Vassallo.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressaq fit-3 ta' Dicembru 2002, li fiha l-attur ppremetta:

Illi fit-13 ta' Lulju, 2002 is-socjeta' attrici ffirmat konvenju mal-konvenuti (Dok A) li permezz tieghu l-konvenuti

obbligaw ruhhom li jittrasferixxu b’ titolu ta’ bejgh lis-socjeta’ attrici nofs indiviz (1/2) tad-drittijiet tal-konvenuti naxxenti minn konvenju datat 22 ta’ Dicembru 1998 fejn Daniel Attard kien ipprometta u intrabat li jbiegh lill-konvenuti konjugi Vassallo ghalqa fabbrikabbli fi Triq it-Tamar, kanturniera ma’ Triq il-Maskli, Qawra, limiti ta’ San Pawl il-Bahar, u dana versu l-prezz, partijiet u kundizzjonijiet ohra hemm imfissra.

Illi s-socjeta’ attrici b’ kollox hallset lill-konvenuti s-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) bhala depozitu akkont tal-prezz ta’ trasferiment kontemplat fil-konvenju ffirmat bejniethom fit-13 ta’ Lulju, 2002.

Illi wara li giet imhallsa dina s-somma ta’ Lm25,000 irrizulta li l-art mertu ta’ dawna l-konvenji qatt ma’ setghet tigi akkwistata b’ titolu ta’ bejgh minnha (u lanqas mill-istess konvenuti) stante li kienet proprjeta’ ta’ terzi li ma kellhom assolutament l-ebda konnessjoni jew rabta ma’ Daniel Attar u/jew il-konvenuti, liema terzi ma ghandhom l-ebda interess u wisq anqas rabta li jbieghu dina l-art.

Illi s-socjeta’ attrici rrizultalha wkoll li fil-mument li gie ffirmat il-konvenju tat-13 ta’ Lulju, 2002 il-konvenuti kienu ben konsapevoli li huma qatt ma setghu jakkwistaw l-art.

Illi ghal dawna r-ragunijiet il-konvenju tat-13 ta’ Lulju, 2002 huwa null u minghajr effett, u l-konvenuti huma obbligati jirrifondu d-depozitu lis-socjeta’ attrici.

Illi minkejja li l-konvenuti wieghdu lis-socjeta’ attrici li kienu ser jirrifondu d-depozitu huma naqsu milli jaghmlu dan.

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

(a) Tiddikjara li l-konvenju ffirmat bejn il-kontendenti fit-13 ta’ Lulju 2002 huwa null u minghajr effett state li l-art hemm deskritta ma tista’ fl-ebda mod tigi trasferita lis-

socjeta' attrici, u konsegwentement il-konvenuti ghandhom jirrifondu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) imhallsa bhala depozitu akkont tal-prezz;

(b) Tikkundanna lill-istess konvenut jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm25,000, u dana ghar-ragunijiet fuq spjegati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju numerat 2423/02, tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numerat 2422/02, tal-Mandat ta' Inibizzjoni kawtelatorju numerat 2424/02. Il-konvenuti ghandhom jigu wkoll ikkundannati jhallsu l-imghax legali fuq is-somma dovuta minnhom komputat mid-data tal-konvejnu, cioe''t-13 ta''Lulju, 2002, u dana stante n-natura kummercjali tat-tranzazzjoni fih kontemplata. Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xhieda tas-socjeta' attrici, flimkien mad-dokumenti (1) mehmuz maghha;

Rat illi c-Citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti, li naqsu li jipprezentaw in-Nota ta' Eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-Atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet kif dedotti fl-Att tac-Citazzjoni jirrizulta pruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenuti, il-Qorti tiddeciedi billi:

**Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotti fic-Citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------